# HAL BALZAN

IT-TIELET SENA Nru. 16 — LEHEN IL-KUNSILL ĊIVIKU — MARZU/APRIL 1974


SILTIET MILL-ISTORJA TA' HAL BALZAN (16)

# IL-KNISJA PARROKKJALI (4)

MINN DUN ĠWANN DIMECH

## IL-PJANTA TAL-KNISJA

**Meta wieħed jipparaguna l-pjanta ta' din il-Knisja l-ġdida ma' dik tal-Knisja Parrokkjali l-qadima, kif ukoll mal-għadd ta' nies li kienu joqogħdu hawn f'Hal Balzan meta bdiet tinbena din il-Knisja l-ġdida, li kienu biss 550 ruħ, jintebaħ li min ipproġetta din il-pjanta l-ġdida kien bniedem li jaħseb fil-bogħod u ra li ġurnata Hal Balzan kellu jiżdied fil-popolazzjoni, kif tassew ġara. Din il-pjanta saret darba u qatt ma ġiet alterata.**

Il-pjanta li saret wara t-talba tal-1663 baqgħet l-istess pjanta li naraw illum. Irrid nimmaġina lin-nies tal-Parroċċa jikkommentaw u jgħidu li fir-raħal u fl-irħula tal-qrib il-Knisja Parrokkjali l-qadima ser tkun toqgħod bil-liberta' fil-parti tal-Kor tal-Knisja Parrokkjali l-ġdida. Min jaf ix-xjuħ kemm qalu liż-żgħażagħ u lit-tfal: "Aħna narawha tinbeda din il-Knisja iżda nkunu taħt it-trab meta tkun lesta. Intom tridu tirsistu. X'tempju ser ikollu Hal Balzan!"

Il-forma ta' din il-Knisja hi ta' Salib Latin u tikkonsisti f'nava prinċipali (il-kursija), żewġ kappelluni, kor, u koppla. Barra minn dawn, għandha żewġ sagristiji, sala fuq is-sagristija l-qadima bi tlett ikmamar żgħar li jintlaħqu minn tarġ, oratorju żgħir b'żewġ kmamar fuqu, u kampnar wieħed.

Il-Knisja hi twila 128 pied, wiesgħa fil-kappelluni 92 pied, fil-kursija 27½ pied.

Ġie maħsub li din il-Knisja jkollha, kif difatti għandha, ħames bibien. Il-bieb prinċipali li jħares lejn il-punent, żewġ bibien fin-nofs tal-kursija, wieħed iħares lejn it-tramuntana u l-ieħor lejn nofs inhar, u tnejn oħra fil-kappelluni jħarsu lejn il-punent.

Jidher ċar ukoll li l-pjanta saret biex din il-Knisja jkollha għaxar artali. L-artal maġġur, l-artal titulari jew kif nafuh tal-kor, erba' artali fil-kursija, u tnejn oħra f'kull kappellun.

Iżda naslu wara dan kollu biex insaqsu: "U min għamilha l-pjanta ta' din il-Knisja?" U sa issa għad ma wasalx il-waqt li nkunu nafu. Tgħid inkunu nafu aħna?... Ma nafx .... Kollox jista' jkun... Kull tfittix storiku hu mimli sorpriżi.

### Min kien l-arkitett ta' din il-Knisja

Peress li sa issa għadna ma nafux min għamel il-pjanta ta' din il-Knisja Parrokkjali ġdida, lanqas ukoll ma nafu min kien l-arkitett li kien responsabbli għax-xogħol tal-bini tagħha. Għalhekk nagħmlu mistoqsija: "Min seta' kien l-arkitett?" Għal din il-mistoqsija għandna naraw min kienu l-arkitetti li kienu jeżistu fiż-żmien tal-bini ta' din il-Knisja mill-1663:

Tommaso Dingli (1591-1666) kellu 72 sena.

Lorenzo Gafa' (1630-1704) kellu 33 sena.

Francesco Sammut (1630-1690) kellu 33 sena.

Dun Karlu Vella (1630-1690) kellu 33 sena.

S'issa għadna ma nafux min kien l-arkitett tal-Knisja, iżda aħna fiż-żgur li jekk ma kienx Lorenzo Gafa' sa mill-bidu tax-xogħol tal-bini ta' din il-Knisja, nafu ben tajjeb li 'l quddiem kellu sehem mhux ftit. Anke Giovanni Barbara, jum wieħed, kellu jagħti l-kontribut tiegħu, allavolja meta tħejjiet il-pjanta tal-Knisja kellu biss tliet snin. (1)

Dwar is-sehem tal-arkitett Lorenzo Gafa' u ta' l-imgħallem ta' l-Ordni Giovanni Barbara nitkellmu aktar 'il quddiem.


SER TIŻŻEWWEĠ?
SER TITGHARRAS?
SER TAGHMEL XI PARTY?

IS-SALA

"AURORA"

HIJA L-POST IDEALI GHALIK

BOOKINGS GHAND IL-KAPPILLAN

TEL. K. 42614


### It-Tqegħid ta' l-Ewwel Ġebla


Wara li tkellimna dwar il-benefatturi tal-Knisja l-ġdida, il-post fejn kellha tinbena, u l-pjanta tal-Knisja, imiss li ngħidu xi ħaġa dwar it-tqegħid ta' l-ewwel ġebla. Min jista' jfisser u jiddeskrivi l-ferħ tal-poplu ta' din il-Parroċċa meta l-Kappillan Dun Duminik Ellul ta l-aħbar li kollox kien imħejji u li kien ser iqiegħed fi żmien qasir l-ewwel ġebla!

It-tqegħid ta' l-ewwel ġebla kellu jkun il-bidu tat-twettiq tal-ħolma u ta' l-idejal tal-poplu kollu. In-nies ta' dan ir-Raħal biex jagħtu bidu riedu jagħtu kull ma kellhom ta' ġid, riedu jagħtu l-kapaċita' tagħhom, l-enerġija tagħhom, u l-ħin tal-mistrieħ u rikreazzjoni tagħhom. Kienu jafu li mat-tqegħid ta' l-ewwel ġebla ser jidħlu għal intrapriża kbira, għaliex kienu jafu li dik il-Knisja sejra tiswa ħafna, iżda bħal kull mibdi mitmum, riedu jkunu huma li jibdew il-bini tal-Knisja biex jarawha huma wkoll mitmuma. U billi kienu nies twajba u reliġjużi, marbutin biss ma' dak li hu qaddis u tajjeb, kellhom il-kuraġġ jidħlu għal dawn is-sagrifiċċji mhux żgħar.

Dak inhar tat-tqegħid ta' l-ewwel ġebla nilmaħ lill-Kappillan Dun Duminik Ellul liebes il-kappa u akkompanjat mill-Kleru tal-Parroċċa, Dun Grezzju Micallef, Dun Indri Vella, Dun Mikiel Agius, Dun Marju Calleja, Dun Klement Chetcuti, Dun Ġużepp Agius, Dun Ġwann Battista Frendo, Dun Ġan Pawl Borg u Dun Marju Bellia, Fratelli tas-Sagrament, Fratelli tar-Rużarju, abbatini bis-salib tal-Kleru, akkolti, ċensier, satla u ritwal, tiġi ffurmata purċissjoni mill-Knisja tal-Lunzjata l-qadima li tibda miexja fost l-entużjażmu tal-poplu kollu tar-Raħal u ta' l-irħula tal-viċin. Il-purċissjoni tasal fil-post fejn ser titqiegħed il-ġebla li tidher imdendla minn ċima miżmuma minn tliet arbli mżejnin bil-liedna. It-tikħil lest ġo barmil taż-żingu, il-poll u l-invell. Ma nafux min kienu x-xhieda, iżda ma nħallux barra liż-żewġ prokuraturi. Giovanni Debono u Benedettu Borg li għad li kienu ġa wettqu bosta xogħol dawn it-tnejn, bit-tqegħid ta' din l-ewwel ġebla, kienu sejrin jidħlu għal responsabiltajiet ġodda biex jaraw li l-Knisja titla' ġebla fuq l-oħra sa ma titqiegħed l-aħħar waħda.

L-ewwel ġebla tqiegħdet fost l-entużjażmu ta' kull min kien preżenti li wrew l-apprezzament tagħhom biċ-ċapċip, għajjat u sparar tal-maskli.

Fil-ħarġa li għaddiet konna ppubblikajna l-ewwel parti ta' dak ir-rikors storiku li ż-żewġ Prokuraturi tal-Knisja ta' Hal Balzan, Gio Frendo u Benedetto Borg, kienu ppreżentaw lill-Vigarju Ġenerali Mons. Giovanni Battista Cauchi fiż-żmien meta Malta kienet mingħajr Isqof. F'dan ir-rikors huma fakkruh fit-talba li l-Balzanin kienu għamlu lil Monsinjur Isqof Balaguer nhar il-11 ta' Mejju 1663 biex jibdew jibnu Knisja Parrokkjali ġdida, talba li l-Isqof Balaguer laqagħha bil-ferħa u tahom il-fakulta' nhar il-11 ta' Lulju ta' dik is-sena.




**Il-pjanta tal-Knisja Parrokkjali ta' Hal Balzan. Din il-pjanta qiegħda 'to scale'.**

It-tieni parti tar-rikors tgħid hekk:

*"U issa li għall-Grazzja t'Alla l-bini tal-Knisja Parrokkjali l-ġdida hu mitmum, u lesta biex tiġi mbierka u li fiha jiġu trasferiti l-Pissidijet bis-Santissmu Sagrament u dak kollu li għandu x'jaqsam mal-amministrazzjoni tas-Sagramenti, kif ukoll dak kollu li għandha l-parroċċa bħal ma ntalab fl-ewwel talba li saret biex 'il quddiem jiġu mwettqa aktar bil-kumdita' l-funzjonijiet u li l-poplu msemmi jista' jassisti aħjar għall-funzjonijiet imqaddsa, għalhekk l-oraturi f'isimhom u f'isem il-poplu kollu jitolbu bis-sinċerita' lis-Sinjurija Tiegħek Ill.ma u Rev.ma biex ikollok il-pjaċir li tordna u tagħti permess li l-Kappillan ta' l-imsemmija Knisja Parrokkjali Dun Duminik Hellul iwettaq kull ma huwa msemmi hawn fuq: billi jbierek il-Knisja Parrokkjali l-ġdida, u jittrasporta mill-Knisja l-Antika għall-Knisja l-Ġdida l-Pissidi bis-Santissmu Sagrament, kif ukoll jiġi trasferit il-Kwadru l-Kbir tal-Lunzjata mis-sagristija, il-vażetti li fihom iż-żjut imqaddsa, il-fonti tal-Magħmudija, u kull ma huwa tal-parroċċa, kif ukoll l-għadam tal-mejtin mill-oqbra, mill-aktar fis u bl-akbar devozzjoni, b'dan kollu l-prokuraturi u l-poplu jkunu qed jirċievu minn għand is-Sinjurija Tiegħek Ill.ma u Rev.ma grazzja singulari."*

Fi tmiem din it-talba nsibu mniżżla l-fakulta' mogħtija mill-Vigarju Ġenerali li tgħid:

"Jekk dak li kien mitlub lill-qatt minsi l-Illmu u Rev.mu Isqof Balaguer kien sinċier u li ġie mogħti nhar il-11 ta' Lulju 1663, nagħtu l-fakulta' aħna wkoll lill-Kappillan basta jitwettaq skond id-Dritt Kanoniku.

Mogħti llum 17 ta' Diċembru 1668,

J.B. Cauchius,
Vigarju Ġenerali,
Sede Episc. Melitensis Vacante" (2).


**Referenzi:**

1 PALMIERI C: Visit. Past. fol. 281. Kurja Arċiv.

2 SUPPLICHE (1668), fol. 101. Kurja Arċiv.

# "ĦAL BALZAN"

toħroġ kull xahrejn mill-

KUNSILL ĊIVIKU — BALZAN

c/o Każin tal-Banda
'San Gabriel',
Ħal Balzan.

Stampata fil-
Lux Press
Hamrun.


## EDITORJAL

### PROTESTA

M'ilux ġie f'idejna l-"Malta Year Book" tal-1974 maħruġ minn Brother Hilary. Iżda bqajna ddiżgustati ħafna meta fil-lista tal-Kunsilli Ċiviċi li jinsabu f'Malta bħalissa l-"Kunsill Ċiviku — Balzan" ma jissemmiex. Bqajna ddiżgustati għax il-Kunsill Ċiviku tagħna m'għandu xejn inqas minn kull Kunsill Ċiviku ieħor: għandu l-istatut tiegħu, jiltaqa' regolarment, jibgħat ir-rappreżentanti tiegħu fil-laqgħat tal-Konfederazzjoni tal-Kunsilli Ċiviċi u l-bqija. Għalhekk ma nafux għaliex Bro. Hilary ħallieh barra l-"Kunsill Ċiviku — Balzan" mil-lista tiegħu.

Forsi ma jafx li jeżisti l-"Kunsill Ċiviku — Balzan" u li ilu mwaqqaf mill-1968? Jista' jkun, forsi, li l-Kunsill Ċiviku tagħna m'għamilx daqshekk ħidmiet bħal Kunsilli Ċiviċi oħra, jew ma semmax leħnu daqshom. Aħna nafu li l-"Kunsill Ċiviku — Balzan" seta' ħadem iktar fiż-żmien li ilu mwaqqaf. Iżda nafu wkoll li hemm Kunsilli Ċiviċi oħra li ħadmu inqas minnu u li sabu posthom fil-"Malta Year Book" ta' Bro. Hilary. Nafu wkoll li ftit huma l-Kunsilli Ċiviċi li jsemmgħu leħenhom permezz ta' gazzetta uffiċjali. Il-Kunsill Ċiviku tagħna dan ilu jagħmlu aktar minn sentejn u nofs.

Il-"Kunsill Ċiviku — Balzan" kien responsabbli wkoll għal kampanja sħiħa għal aktar indafa f'Ħal Balzan, meta r-raħal tagħna kien daħal għall-"Konkors għall-Belt jew Raħal miżmum l-aħjar" li kien tnieda fl-1971. U la semmejna l-Konkors, ta' min jistaqsi x'ġara u x'ma ġarax minn dak iż-żmien sal-lum. X'intopp seta' nqala? Għala kollox miet fuq ommu? Ma jistax il-Kumitat inkarigat jagħti spjegazzjoni ċara lill-pubbliku ta' dak kollu li seta' ġara? M'għandux dritt il-poplu jkun jaf? Naħsbu li, għallinqas per edukazzjoni, kellna nkunu mgħarrfa bir-raġuni għaliex kollox spiċċa ħesrem.

Biex nagħlqu. Jista' jkun forsi li l-Kunsill Ċiviku tagħna bi żball qabiżlu lil Bro. Hilary. Biss dan qegħdin ngħiduh ħalli għal sena oħra l-iżball ma jerġax itenni ruħu.

### INDAFA

Semmejna l-kampanja għall-indafa li kien għamel il-"Kunsill Ċiviku — Balzan" ftit aktar minn sentejn ilu. Kienu saru appelli fid-djar, twaħħlu 'posters', u saret ukoll dimostrazzjoni mit-tfal bi 'streamers' f'idejhom għal aktar indafa. Dik il-kampanja swiet ħafna ġid. Iżda issa reġa' wasal iż-żmien li nerġgħu nitkellmu dwar l-indafa ġenerali tar-raħal tagħna.

Ħal Balzan minn dejjem kien magħruf bħala raħal nadif, u nistgħu ngħidu li din kienet ukoll waħda mir-raġunijiet li għalihom ir-raħal tagħna ġibed nies minn kull rokna ta' Malta. Illum Ħal Balzan għadu raħal nadif, pero' xi drabi niltaqgħu ma' nies traskurati li jarmu t-trab u l-imbarazz li jkollhom fid-dar barra t-triq. Dan mhux sew. Għemil bħal dan jixhed egoiżmu. M'għandniex inkunu kuntenti biss bl-indafa ta' djarna imma wkoll bl-indafa tat-toroq tagħna. Lanqas mhu sew li narmu ż-żibel tagħna f'xi għalqa qalb l-abitat li għadha mhix mibnija. Ma ninsewx li ż-żibel iġib ħafna ntiena u ġrieden, u dawn iġibu l-mard. Barra dan, lanqas ma jagħmlu sabiħ dawk il-ħafna mniezel ta' żibel fl-egħlieqi f'għajnejn il-barranin, li llum Ħal Balzan huwa miżgħud bihom.

### AKTAR EDUKAZZJONI ĊIVIKA

Ħaġa oħra li nixtiequ nsemmu hija l-fatt li l-'bus shelter' li hemm fil-Pjazza tar-raħal hija dejjem imblukkata bin-nies li ma jkunux qed jistennew il-karozza tal-linja. Tul il-ġurnata għadd ta' żgħażagħ u xjuħ joqogħdu jixxemmxu fiha u fil-għaxija jinġemgħu xi żgħażagħ jiċċaċċraw u jiddieħku b'kulħadd. Ir-riżultat huwa li min ikun qed jistenna x-xarabank ikollu joqgħod barra u għalhekk din il-'bus shelter' mhix qed tilħaq l-iskop tagħha. Għemil bħal dan mhux ta' min ifaħħru. Anzi hemm bżonn jinqata' llum qabel għada. Għal min ikun irid iqatta' kwarta żmien hemm il-każini jew il-bankijiet tal-Pjazza, u l-'bus shelter' inħalluha għal min tabilħaqq ikun qed jistenna l-karozza tal-linja.

Ngħidu kelma wkoll dwar it-'Telephone Box'. Din sikwit tkun bil-ħsara, l-aktar minħabba l-imġieba rresponsabbli ta' xi wħud li jużaw it-telefon mhux għax ikollhom bżonnu iżda b'ċajt. Xi drabi wkoll iqattgħu paġni sħaħ tad-'directory', jekk mhux id-'directory' kollu. Dan l-għemil juri nuqqas kbir ta' responsabbilta', l-aktar meta niftakru li jista' jkun hemm nies li jiġu biex jinqdew bit-telefon f'każ ta' emerġenza u ma jkunux jistgħu għax ikun imħassar. Nittamaw li affarijiet bħal dawn jispiċċaw darba għal dejjem.

### XOGĦOL FIL-KNISJA

L-aħħar kelma dwar ix-xogħol taż-żebgħa li qed isir fil-Knisja Parrokkjali. Nieħdu pjaċir naraw li x-xogħol miexi 'l quddiem ġmielu u li s-siltiet mil-Litanija saru bil-Malti. Li m'għoġobniex huwa l-fatt li mhux se jintrama' iżjed id-damask tal-friż fil-jiem tal-festa. Veru li kieku kellu jintrama' l-ittri ndurati jitgħattew; iżda ma ninsewx li fil-parti tal-friż fuq il-pilastri tal-kappelluni m'hemm l-ebda ittri u lanqas dekorazzjoni, u għalhekk ħlief żebgħa ċelesti mhix se tkun tidher. Naħsbu li l-Knisja jkollha dehra isbaħ li kieku fil-festa kellu jintrama' d-damask kollu bħal dari.

ITTRI LILL-EDITUR . . .

## AKTAR INTERESS MINN FUQ

Sur Editur,

**Fil-ħarġa ta' ĦAL BALZAN ta' Jannar/Frar, minbarra l-interess ġenerali ta' l-erba' faċċati tal-gazzetta, laqtuni parti mill-Editorjal taħt it-titlu ta' *Korrispondenza* u wkoll fl-istess faċċata l-Appell lin-nies ta' Ħal Balzan, u fuq dawn nixtieq nagħmel xi kummenti.**

Huwa veru li l-ittri mill-qarrejja huma skarsi ħafna, u kulħadd huwa żgur li f'Ħal Balzan bosta huma dawk li jistgħu jħarbxu xi kelmtejn ta' sustanza, u li jkunu ta' interess għal ħuthom Balzanin. Dawn l-ittri jagħtu kulur isbaħ lill-gazzetta. Ħal Balzan hemm ħafna rġiel u nisa, sew imwielda fir-raħal kemm ukoll li mhumiex (fuq kollox aħna lkoll pajżana Maltin), u li jgawdu pożizzjoni responsabbli f'ħafna taqsimiet tal-ħajja Maltija, bħalma huma tobba, avukati, saċerdoti, artisti, servizz ċivili, nies ta' negozju, u wkoll ħaddiema ta' l-id, li minn moħħhom u mill-ħila mhumiex neqsin.

Għaliex dawn ma jaqbdux u jersqu lejn l-għaqdiet, li jiffurmaw is-sinsla tar-raħal? Għaliex ftit huma dawk li jiktbu lill-gazzetta?

Dawn huma żewġ mistoqsijiet li mhux għalkemm wieħed jirrispondihom fis-sħiħ, imma billi wieħed jesprimi l-opinjoni tiegħu ma fiha xejn ħażin, u għalhekk se nipprova nuri x'naħseb jien.

Jiena nħoss li l-poplu Balzani huwa poplu li jħobb jimxi u jgħix kemm jista' jkun kif trabba u ma jħobbx jesperimenta, u l-motto sigriet tiegħu hu li nħallu dinja kif sibnieha. Dan qed ngħidu bi kritika sinċiera.

Dan narawh jekk inħarsu harsa madwar ir-raħal tal-ġonna.

X'naraw? Naraw li ħlief b'xi eċċezzjoni żgħira l-każini l-antiki għadhom kif kienu bosta snin ilu u fihom ma sar l-ebda żvilupp. Dan ma jfissirx li l-ħidma normali, ngħidu aħna bħal preparamenti matul is-sena għall-festa, tħejjija għall-istaġun tal-futbol, attivitajiet reliġjużi, attivitajiet pulitiċi u affarijiet oħra, ma jsirux. Imma ġdid xi jsir?

Inkunu sinċieri magħna nfusna u r-risposta tkun: ftit li xejn.

Insaqsi bir-rispett kollu: X'inhu jagħmel il-Kunsill Ċiviku? Kemm-il darba jiltaqa? Dan magħruf mill-awtorita'? Jekk le, għaliex? Dan għaliex ma jagħmilx xi ħaġa dwar il-misraħ li bħal issa jinsab bla sura? Għaliex ma jinsistix li Ħal Balzan ikollu l-ismijiet tat-toroq bħal ta' nħawi oħra ta' Malta - taċ-ċeramika. Qatt ġiethom f'moħħhom tal-Kunsill Ċiviku li jagħmlu librerija għan-nies tar-raħal? Din tista' faċli tiġi mibdija bi ftehim mal-Għaqda San Gabriel, għaqda li mhix rieqda.

Kif inhuma l-għaqdiet ta' Ħal Balzan ftit jistgħu jiġbdu lejhom nies, billi dawn ma jsibux biżżejjed attivitajiet varji li jinteressawhom.

Huwa fl-interess tar-raħal in ġenerali li jkun hemm qawmien biex, ukoll bħal ma tixtieq int, Sur Editur, dawk li joqogħdu fit-truf ta' Ħal Balzan jinġibdu, jitħalltu u fl-istess ħin huma jkunu strumentali biex il-ġenerazzjonijiet ta' warajna jsibu Ħal Balzan isbaħ u organizzat. Kif se nħajru lil din is-sezzjoni importanti tal-poplu Balzani biex jibdew jieħdu parti? Appelli fil-gazzetta, bit-tħajjir personali minn min diġa' qiegħed fil-għaqda, bil-kelma tal-kleru u bil-ħidma progressiva tal-għaqdiet, u ta' kull min għandu għal qalbu l-progress ta' Ħal Balzan.

Meta wieħed isemmi l-progress, dan jista' jsir minn kull membru tal-komunita' Balzanija u m'hemmx għalfejn wieħed jistenna lil xi ħadd ieħor li jibda. Per eżempju int li qed taqra, jekk int raġel li tpejjep, dejjem ħadt ħsieb biex meta jispiċċalek pakkett tas-sigaretti, jew xi kaxxa sulfarini żvojtat, dawn dejjem tfajthom fil-but biex meta tasal id-dar twaddabhom fil-landa taż-żibel? Jew int titfagħhom taħt jew fuq xi bankina? Jekk int tifel, meta tara xi bott vojt taħt il-bankina dejjem ħallejtu hemm jew tajtu xi daqqa ta' sieq għal nofs it-triq fejn jista' jagħmel ħsara bla qies?

Jekk int mara tad-dar, int dejjem tiknes mill-għatba 'l ġewwa jew tiknes minn ġewwa għal barra bil-konsegwenza li t-trab jispiċċa f'nofs it-triq?

Sur Editur, jiena bħalek nixtieq li n-nies tar-raħal tagħna jiċċaqalqu, imma jiena nħoss li l-moviment għandu jibda mill-mexxeja li suppost huma miġburin flimkien fil-Kunsill Ċiviku, u jekk dan il-Kunsill għal xi raġuni jew oħra mhux jiffunzjona tajjeb, hemm il-bżonn li jiġi ngranat ħalli jaħdem tajjeb. F'dan il-każ m'għandux ikun hemm ħsibijiet ta' interessi persunali u l-bżonn tal-komunita' għandu jinżamm f'moħħ min jinteressa ruħu fil-progress.

NICHOLAS BONELLO.

**Nota ta' l-Editur:**

**Ħadna pjaċir bl-ittra tas-Sur Nicholas Bonello, u naqblu miegħu fejn semma li f'Ħal Balzan hemm bżonn jiġu organizzati attivitajiet ġodda li jagħtu ħajja ġdida lir-raħal. Biss hemm xi punti li nixtiequ niċċarawhom, l-aktar fejn jidħol il-Kunsill Ċiviku. Is-Sur Bonello għamel ħ a f n a mistoqsijiet dwar il-Kunsill Ċiviku, imma żgur il-qofol tal-kwestjoni kollha qiegħed fejn huwa staqsa: "Dan magħruf mill-awtorita'? Jekk le, għaliex?" L-oħrajn kollha jiddependu minn din. Huwa kollu għal xejn li jkollok Kunsill Ċiviku u li jkun jiltaqa' regolarment, jekk meta jipprova jorganizza xi ħaġa jew isemma leħnu quddiem l-awtorita' ċivili ma jingħatax widen. Nerġgħu ntennu t-talba li għamilna ħafna drabi oħra, li l-Gvern ifittex jippubblika l-'White Paper' li huwa kien wiegħed żmien ilu dwar il-Kunsilli Ċiviċi.**

## JOHN DARMANIN

### ORGANIZZATUR TAL-FESTIVALS

**John Darmanin huwa, bla dubju ta' xejn, wieħed mill-aktar organizzaturi ħabrieka tal-Festivals tal-Kant. Għalkemm mhux imwieled Ħal Balzan, madankollu wieħed jista' jsejjaħlu Balzani, wara li ġie joqgħod fil-parroċċa tagħna fi żmien il-gwerra minn Bormla.**

Is-Sur Darmanin ħass l-ewwel ġibda biex jorganizza dawn il-festivals meta kien jieħu lil bintu Marthese biex tkanta f'xi festivals bħal dawn. Dak iż-żmien hu deherlu li għandu jibda jinkoraġġixxi t-talent Balzani, billi jorganizza Konkorsi ta' Kant ġo Ħal Balzan, u fl-istess waqt igħin lill-Kantanti Maltin.

Matul dawn l-aħħar disa' snin, John Darmanin ħa ħsieb ta' mijiet ta' kantanti li ħadu sehem f'Festivals tiegħu. Fost dawn insibu kantanti żgħar u anki kbar, ġodda kif ukoll diġa popolari, li ħafna minnhom illum qegħdin narawhom fuq it-T.V.

L-ewwel Festival li organizza s-Sur Darmanin kien l-"Aurora Song Festival" fl-1965, li kien sar fis-Sala Parrokkjali. Dan kien Festival għall-Kantanti kbar u żgħar u li issa sar għad-disa' darba.

Festival ieħor organizzat mis-Sur Darmanin kien imsemmi għall-Beat Group Balzani, id-"Them Mockers Song Festival," li ġa saret it-tmien edizzjoni tiegħu.

L-aktar Festival ta' wġigħ ta' ras għas-Sur Darmanin kien bla dubju ta' xejn il-"Crusaders Song Festival", li kien isir fi tliet serati, u li għalih ġie li applikaw 165 kantant. Dan il-

*(jissokta f'paġna 3)*


BE SMART LOOK SMART WEAR SMART

Get a SMART Shirt from

**SMART SHIRTS FACTORY**

NAXXAR ROAD, BALZAN

Telephone No. 42728

MANUFACTURERS FOR WHOLESALERS AND RETAILERS OF SHIRTS

36

HSIEB SPIRITWALI

## NINHABBU MILL-ĠDID MA' ALLA U MAL PROXXMU

Fl-aħħar għadd tal-gazzetta tagħna, kont semmejt x'kien il-ħsieb tal-Papa meta nieda s-Sena Mqaddsa: "...għandna bżonn inwaqqfu relazzjonijiet awtentiċi... ma' Alla... biex minn din l-ewwel armonija fondamentali l-ħajja kollha tagħna tnissel... qawwa ta' rikonċiljazzjoni... mal-bnedmin...".

Il-Programm tas-Sena Mqaddsa, imfassal mill-Kumitat imwaqqaf mill-Papa, u li issa huwa f'idejna, jagħtina l-mezzi kollha meħtieġa għal dan il-għan b'ċelebrazzjonijiet u tagħlim għal matul il-ġimgħat tar-Randan, li jilħqu l-quċċata tagħhom fit-tlitt ijiem tal-Għid, li fihom aħna mistednin "NINDIFNU U NQUMU MA' KRISTU".

Wara l-pellegrinaġġ li għamilna f'Ras ir-Randan, ġejna mħajrin nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-k e l m a t'Alla, u fil-quddies speċjali li qiegħed isir fil-ġimgħat kollha tar-Randan, u li jiġi avżat kull ġimgħa fl-avviżi li jsiru fil-quddies kollu tal-Ħdud. Bil-Pastorali tar-Randan l-Arċisqof uriena l-ħtieġa tal-fidi f'dan it-tiġdid fondamentali ta' ħajjitna. L-Eżerċizzi Spiritwali għandhom it-tama li jagħtuna skoss fil-ħajja ta' bruda li ħafna minna qegħdin igħixu. L-attivitajiet li ser isiru fil-ġimgħat ta' wara l-Għid il-Kbir huma maħsubin biex isaħħu fina lkoll il-proponimenti li nkunu għamilna fil-ġimgħat ta' qabel. Imma... x'jiswa dan kollu, xi frott jista' jħalli fl-erwieħ, fija, fik, iva fik, f'kull wieħed u kull waħda minna, jekk ma nieħdux sehem fih?

Dan li qed ngħid ifakkarni fil-karba tal-famuż Winston Churchill lill-Amerika fl-aħħar gwerra dinjija: "Give us the tools, and we shall finish the job". Il-Knisja qiegħda tagħtina l-għodod f'idejna. Jonqos li aħna nużawhom, nagħmlu dmirna, nikkoperaw fil-ħidmiet li jsiru, u hemm naslu biex nitħabbu mill-ġdid ma' Alla u mal-bnedmin.

*Il-Kappillan.*

(jaqbad minn paġna 2)

Festival wara s-sitt serata waqaf, u fil-preżent floku qiegħed jiġi organizzat is-"Salesian Song Festival", li għal April sejjer isir għat-tieni darba ġo tas-Sliema.

Fost Festivals oħrajn organizzati minn John Darmanin insibu l-Konkors li jġib l-isem ta' "Nifirħu u Nkantaw" li kien sar għall-Istudenti Karmelitani ta' San Ġiljan, Festival ieħor li kien sar Ħal Qormi u diversi 'Shows' għall-karita', kif ukoll serati għat-tfal fil-ġranet tal-Milied. Barra minn dawn il-Festivals u 'shows', huwa rnexxielu għal tliet darbiet iressaq kantanti Maltin biex jieħdu sehem f'Festivals ġewwa Katanja.

Is-sena l-oħra huwa organizza l-Festival tal-"Pop u Folk", kantanti akkumpanjati bil-kitarri Spanjoli, li sar għall-ewwel darba ġo Malta, u li din is-sena sejjer isir għattieni darba ġo l-"Aurora Hall" Ħal Balzan, nhar il-Ħadd 14 ta' April '74, fis-sitta ta' filgħaxija, u li sejrin jieħdu sehem fih 20 Grupp.

L-aħħar xewqa li baqagħlu s-Sur Darmanin hija li jorganizza 'show' kbir fil-Pjazza ta' Ħal Balzan.

Filwaqt li nagħtu l-prosit lis-Sur Darmanin għax-xogħol li qed jagħmel, nixtiequ nawgurawlu li l-ħsieb tiegħu jitwettaq u l-Balzanin ikunu jistgħu jiddevertu bix-'Show' li huwa beħsiebu jorganizza.

# STATWI TAL-ĠIMGHA L-KBIRA F'HAL BALZAN

**Għal min huwa dilettant u jixtieq jara sett vari tal-Ġimgħa l-Kbira tabilħaqq sbieħ u artistiċi, nissuġġerulu jasal wasla sad-dar tas-Sur Dominic Pace, li joqgħod 21, Triq il-Providenza, Ħal Balzan. Dawn il-vari huma xogħol l-istatwarju Ġlormu Dingli tar-Rabat, li wera tabilħaqq is-sengħa u l-ħila tiegħu fix-xogħol ta' reqqa li huwa wettaq.**



Meta kellimna lis-Sur Pace, huwa qalilna li ilu dilettant ta' dawn l-istatwi sa minn mindu kien għadu tifel ġewwa l-Belt. Kull sold li kien ikollu kien jonfqu f'xi statwa tat-tafal, u baqa' sakemm irnexxielu jgħaqqad sett sħiħ. Akar 'il quddiem imbagħad huwa xtara sett statwi oħra tat-tafal maħdumin fuq dawk ta' Ġieżu tal-Belt. Dawn xtrahom waħda waħda u nefaq fihom lira w nofs. Dan kien għall-ħabta tal-1932. Naturalment dawn il-vari ma kellhom x'jaqsmu xejn ma' dawk li għandu llum; b'danakollu huwa baqa' jgħożżhom.

Is-sett statwi li għandu bħalissa huma xogħol tal-kartapesta. Ilu jarmahom għal dawn l-aħħar ħmistax-il sena. Is-sett kollu jiġbor fih 'il fuq minn tnax-il vara li bejniethom fihom 59 figura ta' pied il-waħda. Hemm inklużi l-Aħħar Ċena, it-trasport għad-difna (li tidher fir-ritratt), u l-Irxoxt. Din is-sena, is-Sur Pace se jżanżan statwa ġdida tassew ħelwa u oriġinali — id-daħla ta' Kristu f'Ġerusalemm riekeb fuq felu ta' ħmara.

Dawn l-istatwi jintramaw fuq sett pedestalli ta' l-injam u kull vara għandha bħala sfond xena ta' pittura relattiva magħha u bl-emblemi tal-Passjoni. Bejniethom l-istatwi u x-xeni tal-pittura joħolqu atmosfera li tabilħaqq tixraq għall-jiem qaddisa tal-Ġimgħa l-Kbira.

L-istatwi se jkunu għall-wiri fl-indirizz fuq imsemmi f'dawn il-ħinijiet:-

| | | |
|---|---|---|
| **L-Erbgħa, 10 ta' April:** | **6.00 p.m. — 9.00 p.m.** | |
| **Il-Ħamis, 11 ta' April:** | **9.00 a.m. — 12.00 a.m.** | **5.00 p.m — 9.00 p.m.** |
| **Il-Ġimgħa, 12 ta' April:** | **9.00 a.m. — 12.00 a.m.** | **4.00 p.m. — 9.00 p.m.** |
| **Is-Sibt, 13 ta' April:** | **9.00 a.m. — 12.00 a.m.** | **4.00 p.m. — 9.00 p.m.** |

**Nhar it-12 ta' Frar miet fid-dar tiegħu f'Ħal Balzan l-Avukat Giuseppe Borg Olivier de Puget LL.D. L-avukat Borg Olivier kien ilu membru tal-"Kunsill Ċiviku — Balzan" sa minn meta dan twaqqaf fl-1968. Bejn Mejju 1969 u Jannar 1971 huwa kien ukoll President ta' l-istess Kunsill Ċiviku. Fiż-żmien li huwa kien membru tal-Kunsill Ċiviku, l-avukat Borg Olivier qatt ma naqas li jattendi għal-laqgħat, u fejn seta' dejjem għen, l-aktar b'xi kelma jew parir ta' siwi.**

**Meta ġa konna morna għall-istampa, tħabbret il-mewt tas-Sur Alfred Brincat President tal-Każin tal-Banda 'San Gabriel', li ġrat nhar it-Sibt 16 ta' Marzu, fl-Isptar San Luqa. Is-Sur Brincat kulħadd jafu bħala Balzani mill-aħjar, iħobb ir-raħal, u devot kbir tal-Lunzjata. Ir-raħal kollu, u l-aktar il-Każin tal-Banda 'San Gabriel', tilfu bniedem ta' rispett u ta' ħidma. F'ħarġa oħra nippubblikaw apprezzament b'tifkira tiegħu.**

## KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

**Tfal,**

**Din id-darba ħsibna li nagħmlulkom xi ħaġa li, jidhrilna, tqanqal interess fikom it-tfal billi nafu li intom kollha tħobbu tpinġu, u wisq aktar tħobbu timlew bil-kulur tpinġija li intom issibu f'ħafna kotba ppreparati għalhekk. B'dan il-ħsieb f'moħħna, u billi qiegħed joqrob il-Għid il-Kbir, ippreparajnielkom disinn ta' qoffina bil-bajda tal-Għid ġo fiha. Ix-xogħol tagħkom huwa li tagħtu l-kulur lil dan id-disinn kif jidhrilkom intom, u l-isbaħ wieħed jieħu l-premju.**

Billi d-disinn qiegħed fuq karta separata mill-gazzetta, fittxu li dawk li jqassmulkom il-gazzetta jagħtukom ukoll il-karta bid-disinn. Jekk xi ħadd minnkom ikun irid aktar minn disinn wieħed biex il-kompetizzjoni jieħdu sehem fiha ħutu wkoll, ikellem lil xi membru tal-Bord Editorjali.

Ibagħtu d-disinn tagħkom bil-kulur f'envelop magħluq u ndirizzawh lill-Każin tal-Banda "San Gabriel", jew impustawh intom stess fil-'letterbox' ta' l-istess każin. Għandkom żmien sa nhar is-Sibt, 13 ta' April 1974.

* * *

It-tweġibiet tal-kompetizzjoni ta' l-aħħar ħarġa huma:

1) It-tieqa tal-knisja ta' San Rokku; 2) Triq it-Tliet Knejjes; 3) Hemm knisja oħra — tal-Lunzjata.

Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni hija JANE PULLICINO, li toqgħod 91, Triq il-Kbira, Ħal Balzan. Il-premju ta' 50ċ nieħdu ħsieb nibagħtuhulha.

*Għeżież tfal,*

*Żmien ilu, meta kont għadni tifel, niftakar li darba, wara li spiċċajt l-iskola, rajt tifel jorbot karettun ma' dahar ta' kelb u beda jmexxih bħallikieku xi żiemel. F'dak il-ħin sewwa nzertat għaddejja sinjura Ingliża, li x'ħin lemħet lil dak il-kelb iġorr warajh karettun marret tiġri fuq dak it-tifel u qaltlu biex iħoll lil dak il-kelb għax dik moħqrija ta' l-annimali.*

*Tfal, intom tafu tajjeb li dak kollu li hawn fid-dinja Alla ħalqu għall-bniedem, u jrid li dan jinqeda bih sewwa. Fost tant ħwejjeġ sbieħ maħluqa, żgur li jiġu minn ta' quddiem l-annimali. Dawn sa mill-ewwel żminijiet qdew lill-bniedem f'bosta ħtiġijiet tiegħu. Għalhekk mhux ta' min ifaħħar lil dawk it-tfal li mhux biss ma jħobbux 'l-annimali, iżda wkoll jaħqruhom u xi drabi joqtluhom.*

*Tfal bħal dawn ikunu juru kemm għandhom qalbhom ħażina, u li x'aktarx din il-moħqrija jużawha wkoll ma' tfal oħra bħalhom. L-annimali jħossu bħalma nħossu aħna, u ferita fuq ġisimhom tieħu wisq iktar żmien biex tfiq milli kieku tkun fuq bniedem. Il-bniedem isib it-tobba u l-mediċini kollha meħtieġa għall-fejqan tiegħu.*

*Igħidu li darba mħallef Ingliż ikkundanna tifel għall-ħabs tul għomru kollu talli b'labra qala' għajnejn għasfur ħaj biex jieħu pjaċir jarah ibati. Lil dawk preżenti fil-qorti qalilhom: "Dan it-tifel la għandu qalbu hekk kiefra ma' l-annimali meta jikber jasal li jibda jaqla' għajnejn in-nies."*

*Għalhekk, tfal għeżież, qisu li mhux biss tħobbu 'l-annimali, iżda li taqbżu wkoll għalihom ma' min ikun qed jaħqarhom.*

*MILL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI*

***Nifirħu bil-membri ġodda tal-Parroċċa li saru ħutna fi Kristu bis-Sagrament tal-Magħmudija:***

Rodney-James Carabott, bin Anthony u Gina, fil-5 ta' Diċembru, 1973.
Pauline Mamo, bint Francis u Rose, fil-11 ta' Diċembru.
Nathalie Mallia, bint Ruggieru u Caterina, fil-21 ta' Diċembru.
Alexander Meilak, bin Tony u Giovanna, fil-31 ta' Diċembru.
Alexander Pace, bin Manwel u Mary, fid-19 ta' Jannar 1974.
Winston Pirotta, bin Tommy u Agnes, fis-26 ta' Jannar.
Genoveffa Vella, bint Consiglio u Doris, fl-1 ta' Frar.
Charmaine Calleja, bint Gaetano u Nancy, fl-4 ta' Frar.
Lino Borg, bin Carmelo u Carmen, fis-7 ta' Frar.
David Grech, bin Victor u Yvonne, fit-18 ta' Frar.

***Żwiġijiet li saru fil-Parroċċa: Nifirħu lil dawn il-koppji li ngħaqdu bis-Sagrament taż-Żwieġ:***

Emmanuel Debattista u Tessie Gauci, fit-13 ta' Jannar 1974
Charles Bugeja u Rita Ellul, fit-12 ta' Jannar.
John Borg u Doris Pullicino, fit-12 ta' Jannar.
Frank Muscat u Phillis Camilleri, fl-20 ta' Jannar.
Emmanuel Pace u Veronica Azzopardi, fl-24 ta' Jannar.

***Nitolbu għal ruħ dawn il-parruċċani li ħallewna:***

Salvatore Sammut, fl-1 ta' Frar
Charles Bellizzi, fl-4 ta' Frar.
Avukat Gius. Borg Olivier, fit-12 ta' Frar.
Suor Valeria Medici, tas-Sorijiet tal-Karita', fil-21 ta' Frar.
Manwel Zammit, fit-23 ta' Frar.

FOR

WHITER

WASH

SPEL

UNIVERSITY OF MALTA MELITENSIA MAIN LIBRARY

# IL-LUNZJATA Ż-ŻGHIRA

*Minn* CAMILLO TORTELL

KIF JIDHER MILL-ISTORJA TA' ĦAL BALZAN, U PREĊIŻ F'DAK LI JHARES LEJN IL-PARROĊĊA, WIEĦED J'STA' JIKKONKLUDI ILLI DIK IL-KNISJA ŻGĦIRA, LI HIJA WAĦDA MIT-TLIET KNEJJES LI QEGĦDIN FI TRIQ LI HIJA MSEMMIJA GHALIHOM, KIENET L-IKBAR WAĦDA FOSTHOM U FL-EWWEL ŻMINIJIET TAR-RAĦAL KIENET ISSERVI BĦALA L-EWWEL PARROĊĊA.

**Bħall-irħula l-oħra kollha, Ħal Balzan dejjem jikber u jinfirex bħal ma llum qiegħed jikber fejn ngħidulu Sqaq iz-Zekkuk, u fejn nafuh bħala ħdejn il-Konti, u llum kiber ukoll mhux ħażin lejn in-naħa ta' San Anton fejn hemm il-'Corinthia Palace Hotel'. Nistgħu ngħidu illi anki fl-antik dan it-tifrix kien dejjem sejjer u tant hu hekk illi meta r-raħal kiber sewwa, il-poplu li kiber miegħu ħass il-bżonn li jkabbar il-parroċċa, u qatgħuha li tinbena knisja ġdida, u llum għandna dak it-tempju majestuż li jidher f'nofs ir-raħal.**

Imma dik il-knisja żgħira tal-Lunzjata, li hemm fi Triq it-Tliet Knejjes, tibqa' dejjem bl-istorja żgħira tagħha, u din l-istorja tirrigwarda speċjalment it-tfal Balzanin. Dawn it-tfal ta' xi ftit taż-żmien ilu, u aktarx illum ukoll, jafuha bħala l-Lunzjata ż-Żgħira, u tgħidx kemm kienu jifirħu meta kienet tasal il-festa tagħha. Il-jum ta' din il-festa kien ikun dejjem fil-ħamsa u għoxrin ta' Marzu, u f'din il-ġurnata, it-tfal ta' Ħal Balzan kienu jagħmlu vera festa bil-qalb.

Jien niftakar meta kont għadni daqsxejn ta' tifel, kont noqgħod f'din it-triq illi taħbat kważi f'tarf ir-raħal; id-dar tiegħi kienet quddiem fejn kien hemm ħanut ta' mastrudaxxa li kien ta' l-imgħallem Wiġi Pirotta, u l-post eżatt fejn qiegħda din il-knisja konna ngħidulu "Fuq is-Salib".

Kulħadd jaf illi ħdejn il-Lunzjata ż-Żgħira hemm salib antik imma veru sabiħ. Dan is-salib naturalment qiegħed hemm biex ifisser illi minn hemm kien jibda r-raħal ta' Ħal Balzan, għaliex din it-triq li llum jisimha 'Three Churches Street' tasal sal-kantuniera fejn hemm illum il-MUSEUM tas-subien, hekk li dan il-post nistgħu nsejħulu tarf ir-raħal għaliex ftit 'l hemm minnu tibda Birkirkara.

Minn dawn is-slaleb tal-ġebel għandna ħafna hawn Malta, u fil-każ ta' Ħal Balzan nistgħu nagħmlu xebħ ma' Birkirkara, fejn insibu li Birkirkara hi mifruda minn San Ġwann bis-salib ta' l-Imsieraħ, dak li nsejħulu "Ta' Rajt ma rajtx, Smajt ma smajtx," fil-waqt illi minn Ħal Qormi hi mifruda bis-salib ta' l-Imrieħel, u hekku li Birkirkara hija mifruda minn Ħal Balzan bis-Salib ta' fejn it-tliet knejjes.

Issa mingħajr ma noqogħdu nqisu l-bini li tala' mal-medda taż-żmien, jiġifieri mit-tliet knejjes lejn in-naħa tal-MUSEUM kif semmejna, insibu illi preċiż minn dan is-salib lejn 'il ġewwa tar-raħal hemm dar antika ħafna illi fiha gallerija antika ta' stil ta' arkitettura mill-isbaħ, li aktarx hi ta' żmien l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann; din il-gallerija li tagħti għal 'Providence Street' hija meqjusa minn xi periti Maltin bħala ġawhra ta' arti fl-arkitettura Maltija.

**Il-kwadru titulari tal-knisja ż-żgħira tal-Lunzjata li tinsab fi Triq it-Tliet Knejjes. Din il-knisja kienet il-Parroċċa l-qadima.**

Mela lejlet din il-festa kien ikun jum ta' ferħ, meta kont tara lil dawn it-tfal ta' din in-naħa, u anki mill-ġewwieni tar-raħal, kollhom ferħana u b'ħerqa kbira jippreparaw għall-jum tant mistenni.

Dawn it-tfal kienu jkunu ħasbu minn qabel biex jissellfu minn għand Mikiel is-Sagristan xi ftit rużuni tal-ħadid, xi ftit tazzi taż-żejt, bandalori ta' mal-ħajt, u xi ftit bandieri. Ir-rużuni tal-ħadid kienu forom ta' xi fjura, salib żgħir, jew xi disinn ieħor ħafif li magħhom kienu jitwaħħlu t-tazzi tal-ħġieġ ta' ħafna kuluri.

Dawn it-tazzi żgħar b'xoffa ħafifa kienu jdendluhom marrużuni, jimluhom biż-żejt sa ftit aktar min-nofs, ipoġġulhom lumina ġo fihom u jixegħluhom bħala luminazzjoni. Billi dak iż-żmien kien għad ma hawnx id-dawl elettriku, dawn it-tazzi, bil-lejl, kienu jagħmlu effett sabiħ ħafna għaliex kienu jkunu ta' ħafna lwien u juru ċertu disinn.

Sa kemm dawn it-tfal kienu jissellfu dan l-armar, kien kollox sewwa; imma issa kien jonqos iż-żejt, u hawn kien ix-xogħol u l-ferħ ta' lejlet il-festa, għaliex kont tarahom jitqassmu bejniethom u jmorru jduru bieb bieb għand il-ġirien biex jittallbu ż-żejt għat-tazzi.

Dan il-ġbir taż-żejt kien isir minn l-inħawi ta' ħdejn din il-knisja, fejn kienu jduru l-irkejjen kollha, bħal ma huma Triq il-Providenza, l-Isqaq ta' Sajka, maġenb ir-razzett ta' Valent il-Lakku, sewwa sew fejn hemm dik il-gallerija li semmejna, mill-isqaq ta' Manwel il-Ħajjat, minn maġenb il-ġnien ta' Frenċ iz-Zipa u naturalment mit-triq kollha tat-tliet knejjes. Ma kien hemm ebda dubju illi kienu jiġbru żejt għat-tazzi kollha, għaliex il-ġirien kollha kienu jħobbuha l-Lunzjata ż-Żgħira.

Barra minn dan il-ġbir taż-żejt, kellhom biċċa xogħol oħra, u din kienet min sejjer jitla' fuq il-bejt tal-Lunzjata ż-Żgħira biex idoqq il-qniepen fil-festa; u hawn erħilhom jiġġieldu min sejjer ikun dan l-ixxurtjat, jew kull tant kienu jkunu tnejn.

Dak in-nhar tal-festa, lejn din in-naħa tar-raħal, kont tkun taf li hemm xi ħaġa mhix tas-soltu, għax kont tisma' dawk il-qniepen żgħar idoqqu t-tmienja ta' filgħodu, nofs in-nhar, u anki l-Ave Marija.

Minn filgħodu kmieni fil-25 ta' Marzu kienet tibda l-festa u hemm kont tibda tisma' t-tfaqqigħ tat-trikki trakki li kienu jfaqqgħu mhux ħażin.

Ftit qabel it-tmienja ta' filgħodu, il-knisja kienet tiġi miftuħa, u kif kienet tkun armata b'ħafna tiżjin, kienu jiġu ħafna nies minn Ħal Balzan kollu biex jaraw din il-knisja żgħira fil-festa tagħha. Sewwa sew fit-tmienja bomm kienet toħroġ il-Quddiesa tal-festa. Din kienet tkun Quddiesa solenni kantata, filwaqt illi l-knisja kienet tkun mimlija u ħafna nies kienu jkunu barra fuq iz-zuntier sa ħdejn is-salib.

Hekk hu li f'dan il-mument, wieħed kien jista' jimmaġina ż-żmien li semmejna fil-bidu meta din il-kappella żgħira kienet il-Parroċċa tar-raħal, meta tara lil dawk in-nies kollha li jridu jgawdu l-festa tal-Lunzjata ż-Żgħira u ma kienx hemm wisa' għal kulħadd.

Dak in-nhar tal-festa kien ikun ukoll bil-għlied min sejjer idoqq il-qanpiena l-kbira fis-Sanctus tal-Quddiesa, u bit-tiela' u bin-nieżel dawk iż-żewġ qniepen żgħar li kien hemm f'dak il-kampnar żgħir, illum vojt, kien ikollhom x'jagħmlu l-ġurnata kollha, sa filgħaxija nett fl-eqqel tal-festa.

Lanqas biss tilħaq iddoqq l-Ave Marija u jibda jidlam, li dawn it-tfal ma jibdewx jiġru minn hawn għal hemm, u telgħin u neżlin biex jixegħlu t-tazzi. Il-qniepen idoqqu, ġiri 'l hemm u 'l hawn, sparar tat-trikki trakki, għajjat ta' ferħ u kulħadd igawdi taħt id-dawl tar-rużuni, inewnem imma sabiħ għaliex ilellex bil-varjeta' ta' kuluri.

Kont veru tieħu gost f'dik il-lejla f'Ħal Balzan, kollu fwieħa taż-żahar tal-larinġ, meta tara dawk in-nies jifirħu mat-tfal jilagħbu fuq is-salib u meta jmorru 'l ġewwa fir-raħal u jgħidu lill-oħrajn biex jiġu jaraw il-mixegħla tal-Lunzjata ż-Żgħira.

Dan kien ikun il-jum proprju tal-festa ta' din il-Patruna ż-Żgħira ta' Ħal Balzan, u kemm kien ikun ferħan il-Kappillan Sisner meta kien jara dawk it-tfal miġburin u mitlufin f'dik il-festa u mbegħdin minn kull passatemp ieħor, il-għaliex f'dak iż-żmien, tista' tgħid kollha kemm huma t-tfal kienu kollha mdorrijin jilagħbu bil-knisja u kollha kien ikollhom waħda żgħira d-dar tagħhom, u allura f'dak il-jum tal-festa, kollha kienu jkunu bil-pika minn jarma l-knisja tiegħu l-aħjar, min ikollu l-iktar gandlieri, standardi u statwi, u ma hemmx għalfejn ngħidu kollha kien ikollhom il-vara tal-Lunzjata.

## SPORTS

*Fl-aħħar żewġ partiti li l-Balzan Youths lagħbu huma akkwistaw tliet punti li għad ikunu prezzjużi għat-tim tagħna fil-glieda sabiex neħilsu mir-'relegation' għall-'Fourth Division'.*

L-ewwel logħba minn dawn kienet kontra **St. Venera Lightnings**, li fiha aħna ħriġna rebbieħa bl-iskor ta' 1-0 b'gowl ta' Tonio Bonavia. F'din il-logħba konna kważi l-ħin kollu fuq l-attakk u stajna ħriġna b'aktar gowls kieku ma kenux 'saves' tajba mill-'goalkeeper' oppost tagħna. Ta' min isemmi illi b'dan il-gowl irnexxielna niskorjaw wara rawnd sħiħ għax l-aħħar gowl li skorjajna kien kontra l-istess **St. Venera**.

Fil-partita kontra **St. Peter's** nistgħu ngħidu li kellna bidu mill-aħjar għax wara biss erba' minuti ftaħna l-iskor bi ġmiel ta' gowl ta' L. Pisani. Dan il-vantaġġ bqajna nżommuh sa l-intervall. Pero' kif ħriġna fit-tieni 'half', il-plejers tagħna ħarġu jattakkaw sabiex inżidu l-iskor. Pero' **St. Peter's** qabdu ballun u attakkaw għal għarrieda u bid-difiża nċerta s-**St. Peter's** irnexxielhom iġibu l-iskor indaqs. Il-logħba baqgħet bl-iskor ma jinbidilx, u nistgħu ngħidu illi akkwistajna punt ieħor importanti.

Issa jmissna kontra **Sirens, Zejtun, Kirkop**, u **Lija**, u aħna għandna bżonn illi nitħabtu sabiex nakkwistaw aktar punti sabiex intejbu l-pożizzjoni tagħna fil-klassifika. U hawn irrid inħeġġeġ lis-'supporters' tat-Tim sabiex jiġu jaraw lit-tim tagħna, u aħna lkoll nagħtu s-'support' tagħna, u jiena persważ illi nilħqu l-għan tagħna, illi nżommu lit-tim fit-Tielet Diviżjoni, ħaġa illi persważ li jaqblu miegħi ħafna meta ngħid illi ma jixirqilniex, u lanqas jistħoqqilna, illi nagħu fir-Raba' Diviżjoni. Għalhekk Kuraġġ u Forza **Balzan Youths**.

Lawrence Scicluna

---

**Inroddu ħajr lis-Sur Alfred Muscat li hejja d-disinn għall-Kompetizzjoni tat-tfal, lis-Sur Raymond Parascandolo li għen fit-tpinġija, u lir-Rev. Kappillan li offra l-ispejjeż għall-karti. Nirringrazzjaw ukoll lil dawk kollha li għenu b'xi kontribuzzjoni ta' flus.**

---


VALLEY BUTCHER

JOHN PULLICINO
FOR FIRST CLASS MEAT
AND SERVICE
121, VALLEY ROAD, BALZAN
Tel.: 42066



THE BOOKWORM
NAXXAR ROAD, B'KARA

Telephone: 45269

BOOKSELLERS
STATIONERS
NEWSAGENTS
EDUCATIONAL TOYS